DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR210077** **14.01.2021**

**STQARRIJA MILL-MINISTRU FL-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**

***Proġetti b'fondi Ewropej mill-MCCAA li jpoġġu lill-konsumatur fil-qalba tal-ekonomija***

Bl-għajnuna tal-MEUSAC, l-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) applikat għall-fondi Ewropej sabiex tmexxi żewġ proġetti li jpoġġu lill-konsumatur fil-qalba tal-ekonomija.

L-ewwel proġett, b'investiment ta' madwar €120,000, se jwassal għal sistema aħjar dwar ir-rimedju alternattiv. Dan jinkludi sistema tal-IT, proċessi ġodda taħt is-sistema tal-kwalità ISO 9001 u taħriġ akkreditat f'livell 5 għall-impjegati tal-Awtorità.

Permezz tat-tieni proġett, b'investiment ta' madwar €150,000, se jitwaqqaf Unit ġdid dwar l-investigazzjonijiet diġitali. Il-unit se jkun qed iwettaq moniteraġġ rigward it-tqegħid ta' prodotti mhux siguri fis-suq, prassi kummerċjali qarrieqa u klawsoli inġusti f'kuntratti bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ, fost l-oħrajn. Il-ħidma ta' dan il-unit se jassigura u jħares id-drittijiet tal-konsumatur u l-kompetizzjoni ġusta, mingħajr ma jkunu mfixklin l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli.

Dawn il-proġetti għandhom ko-finanzjament ta 50%, u jinkludu ukoll kampaniji ta' informazzjoni sabiex il-konsumaturi u n-negozjanti jkollhom aktar għarfien dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom.

Waqt żjara fl-uffiċċju tal-MCCAA, il-Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru Carmelo Abela, responsabbli mill-MEUSAC, stqarr kif il-proġetti li qed timplimenta l-MCCAA finalment jibbenefikaw minnhom il-familji u n-negozji Maltin u Għawdxin, hekk kif dawn il-fondi jassistu entitajiet tal-gvern biex itejbu l-operat tagħhom.

"L-assistenza tal-MEUSAC hija kruċjali biex tassigura li entitajiet bħall-MCCAA jirnexxielhom jiżviluppaw proġetti u inizjattivi ta' fejda. L-istorja tal-MCCAA hija storja ta' suċċess għax din l-entità applikat għal żewġ proġetti taħt il-Programm tal-Konsumatur u ż-żewġ proġetti ġew magħżula biex jingħataw il-fondi Ewropej għat-twettiq tagħhom," sostna l-Ministru Abela.

Enfasizza wkoll li proġett importanti li qed taħdem fuqu l-Awtorità huwa dak ta' tisħiħ tar-riżors uman u semma kif dan huwa importanti biex din tkompli tagħti servizz effiċjenti. Fi kliem il-Ministru Abela, dan it-tisħiħ ukoll huwa possibbli bil-fondi Ewropej u għaldaqstant ħeġġeġ biex entitajiet governattivi u oħrajn ikomplu jinvestu fir-riżors uman.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Protezzjoni tal-Konsumatur u l-Indafa Pubblika Deo Debattista qal li dan huwa gvern li jemmen fit-tisħiħ tad-drittijiet tal-konsumatur u f'kompetizzjoni li taħdem b'mod effettiv. "Minn baġit ta' €3,750,000 fl-2012, ġie rduppjat għal €7,400,000 fl-2021". Hu spjega kif il-



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

finanzjament ta' dan il-proġett ġie estiż permezz ta' fondi Ewropej. Is-Segretajru Parlamentari għalaq id-diskors tiegħu billi qal li l-Awtorità se jkollha iktar għodda avvanzata sabiex tkompli tkun storja ta' suċċess.